# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 02

**5.00p.m 18 ta' Lulju 2024**

### Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier (online) |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

### Assenti b'Apoloġija

Ma kien hemm ħadt assenti

### Assenti

Ħadt

### Uffiċċjal Preżenti

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**02.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku Luke Farrugia staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 01. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda.
Il-Vot favur kien unanimu

**02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
**02.3.1 Rikjest sabiex titneħħa sleeping police (speed humps) min Triq Stifenu Zerafa**
Is-Sindku informa li sar rikjest sabiex titneħħa sleeping policeman min Triq S Zerafa minħabba li il-ħoss tal-karozzi qed ikun ta' inkonvenjent għal resident ta' Triq. Skatat diskussjoni bejn il-Kunsilliera dwar jekk għandiex titneħħa peress li meta saret, kien biex jitnaqqsu li inċidenti għalhekk jekk din ser titneħħa ser jerġa jiżdiedu l-inċidenti minħabba sewqan aċċesiv. Intqal ukoll li hawn diversi tipi ta' speed humps. Segretarju Eżekuttiv intalbet biex tara kemm jiswew dawn li speed humps.
Kien hemm qbil li-Kunsill jikkomunika ma resident ta' triq u jieħu l-opinjoni tagħhom dwar jekk titneħħa jew le.

**02.3.2 Animal Health and Welfare Dept. Cat Feeders Scheme 2024**
L-Animal Welfare Department ser terġa tniedi l-iskema tal-Cat Feeders. Din id-darba ser jingħataw vouchers sabiex jiġu msarfin f'dry cat food. Jekk il-Kunsill interessat għandu jibgħat il-lista dettaljata tal-cat feeders li huma rreġistrati mall-Kunsill sal-31 ta' Lulju 2024.

Il-Kunsill qabel li j'applika għal iskema

**02.3.4 Postijiet ta' parkeġġ fi Triq Xemxija**
Residenta qed tistaqsi lill-kunsill jekk hux possibbli jirranġa l-parkeġġ li hemm fi Triq Xemxija kif jidher fir-ritratt minħabba li qed ikollha problema biex tuża l-parkeġġ personalizzat tagħha.

Il-kunsill qabel li nirrispondu li Sinjura u niktbu li TM ħalli jitranġa il-parking

**02.3.5 Rikjest sabiex issiru eżamijiet relatati ma ta' saħħa u benesseri għal residenti Marsin**
Is-sinjura Rachelle Falzon li hija Uffiċjal ta' Saħħa fl-università' ta' Malta qed toffri li l-istudenti jagħtu servizz fil-Kunsill sabiex isiru check ups b'xejn, bħal jiċċekkjaw pressjoni, zokkor lir-residenti. Din ser tkun okkażjoni ta' darba.
Il-kunsill qabel li jiġu studenti jagħtu servizz ta' check up b'xejn

**02.3.6 Għaqda Storika Kulturali Marsa- Ittra ta' awgurju**
l-Għaqda Storika Kulturali irringrazzjat lis-Sur Josef Azzopardi tal-ħidma tiegħu filwaqt li awgurat lill-Kunsill il-ġdid għall-ħames snin li ġejjin. L-Għaqda twiegħed li ser tibqa taħdem mall-Kunsill għall-ġid tal-Lokalita.

Il-Kunsill irringrazzja lil Għaqda Storika Kulturali Marsa għal dan il-ħsieb u tennew li ser il-komplu jaħdmu ma' l-Għaqda.

**02.3.7 Talba għal Ġemellaġġ**

Il-Kunsill irċieva messaġġ mingħand is-Sindku ta' Guardistallo fl-Italja li huwa nteressat jagħmel ġemellaġġ ma lokalita tal-Marsa.

Il-Kunsill qabel li nirrispondu għal dan l-interess u qabel li hemm bżonn ikunu nafu iktar dwar il-lokalita

**02.3.8 Reklamar fuq il-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-Festa Marija Regina**

Il-Kumitat Festi Esterni Marija Regina qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-pubblikazzjoni li toħroġ l-għaqda fi zmien il-festa. Il-prezz għar-reklam fuq il-fuljett huwa ta' €250.
Kunsill qabel jħallas sa 300 euro għal kull rikjest ta' reklam li jsir min kull għaqda/NGO fil-lokal tal-Marsa

**02.3.9 Skema – Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji**

Is-Sindku informa li Kunsill irċevejna l-Grant Agreement ta' l-Iskema Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizzji. Il-Kunsill ser jingħata €17,800 għal din l-iskema.

**02.3.10 Group Life Plan**

L-Assoċjazzjoni qed issaqsi jekk il-Kunsill hux interessat iħallas l-Assigurazzjoni – Life policy. Il-ħlas għal din il-policy huwa ta' €65 għal kull membru bejn 18-il sena u 65 sena. Il-ħlas għal dawk il-membri minn 66-il sena l'fuq tammonta għal €340.

Il-Kunsill qabel li jħallas għal kull membru inkluz dawk ta' il-fuq min 66 sena.

**02.3.11 Talba sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal proposta ta' Zvilupp fiz-Zona ta' konservazzjoni Urbana**

Residenta ġibdet l-attenzjoni dwar applikazzjoni ta' zvilupp fi Triq Zerafa fejn ser titwaqqa townhouse u l-proposta hija li jinbnew appartamenti meta din hija Zona ta' Konservazzjoni Urbana. Is-Sinjura qed titlob lill-Kunsill joġġezzjona għal din il-proposta.

Ġie deċiż li jiġi infurmat il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħti iktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Fl-istess ħin il-kunsill ser jirreġistra rappreżentazzjoni.

**02.3.12 Ir-restawr tad-Depo tat-Tramm**

L-Għaqda storika kulturali irringrazzjat lill-Kunsill għat-twettiq tal-wegħda li saret rigward ir-restawr tat-Tramm. Huma qed jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex din il-binja ma titħalliex tiddetarjora wara li għal ħafna snin kienet abbandunata

**02.3.13 Reklamar fuq il-Pubblikazzjoni tal-Festa**

Il-Banda Marija Regina qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fuq il-pubblikazzjoni tal-Festa li toħroġ l-għaqda. Il-prezz għal qoxra ta' barra bil-kulur huwa ta' €300.

Il-Kunsill qabel jħallas sa 300 euro għal kull rikjest ta' reklam li jsir min kull għaqda/NGO fil-lokal tal-Marsa

**02.3.14 Older Persons Standards Authority- postijiet għal parkeġġ**

OPSA qed jitolbu 4 spazji ta' parkeġġi oħra fis-service road ta' Spencer Hill. Dan qed tintalab peress li ser izidu xi vetturi li jintużaw sabiex isiru l-ispezzjonijiet.

Il-Kunsill innota li OPSA diġa qiegħed jokupa numru kbir ta' parking mingħajr ma talb permess mill-kunsill

**02.3.15 Talba min Ministeru tal-Affarjiet Barranin għal postijiet ta' parkeġġ**

Il-Ministeru irċieva talba mingħand il-EUAA fejn qed jitolbu 13-il spazzjoni ta' parkeġġ quddiem il-bini tagħhom fi Triq Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb. Peress li dan huwa ammont konsiderevoli ta' parkeġġ il-ministeru qed jistaqsi jekk hux possibbli li għal inqas jiżdiedu żewġ spazji oħrajn ma dawk eżistenti.

Il-Kunsill qabel li EUAA jindikaw fejn iridu parkeġġ.

**02.3.16 Talba lil Kunsill għal no objection Pellegrinaġġ muturi u roti -Zabbar.**

Il-Kunsill sostna no objection li kienet ingħatat u kien hemm qbil li pellegrinaġġ ser jagħdi min quddiem il-kappella tal-Grazzja . Għal din l-okkażjoni il-kappela ser tkun miftuħa u armata. Il-Viċi Sindku ser jieħu ħsieb l-arranġamenti għal din l-okkażjoni.

**02.3.17 Sar rikjest għal riklam mill-Grupp ta'Scouts tal-Marsa**

Il-Kunsill qabel jħallas sa 300 euro għal kull rikjest ta' reklam li jsir min kull għaqda/NGO fil-lokal tal-Marsa

**02.3.18 Rikjest mill kumitat festi esterni Marija Regina**

Il-kumitat festi esterni Marija Regina bagħt rikjest sabiex il Kunsill lokali jagħmel toqob għal arbli tal- festa ta' Marija Regina kif kien isir f 'żmien preċedenti

It -toqob qed jintalbu huma 4 Triq Nerik Sacco u 12 f' Triq Isuard. Huma ikunu disponibli għal kuntratur sabiex jindikaw fejn għandhom issiru jekk il-Kunsill japprova.

Il-Kunsill approva dan ir-rikjest.

**02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**02.4.1** Il-Kunsillier Joseph Cachia qed jiproponi sabiex tournament ta' darts. Huwa qed jitlob sabiex il-kunsill jixtri Shield u ħames tazzi biex jingħataw lil parteċipanti. Ġie suġġerit li din il-proposta titella bħala item u tiġi diskussa u jingħata iktar detalji.

**02.4.2** Il-Kunsillier Anthony Meilak sema li hemm bins f'Triq l-Iljun hemm bżonn jinħaslu. Il-Kunsilliera tennew li kien hemm xi culverts miżdud u hemm ilma ħiereġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lil Awtorita ta'Djar.

**7.05pm Il-laqgħa twaqfet għal pawsa qasira.**
**7.20pm Il-laqgħa tkompliet**

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**02.4.3** Il-Viċi Sindki staqsa li-Sindku x'jifhem b'rwol dekasteru**.** Is-Sindku fihem li important li min ikollu dekasteru jieħu ħsieb jattendi, izda imma meta jkun hemm lagħqa jistaw immorru kunsilliera oħra jekk ikun jintereshom.

**02.5 Rapporti**

**02.5.1 Rapport Evalwazjoni -Sejjħa servizz ta' transport skola sajf**

Seġretarju Eżekuttiv ta' spjega ta'kwotazzjonijiet li kien irċeva l-uffiċju tal-Kunsill. Il-kunsill approva abażi ta' l-irħas offerta.

**02.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2024 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Luke Farrugia talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier Domnic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## 02.7 Aġġornament għad-data tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa aġġornata minħabba li kien sar il-ħin. Il-Kunsill qabel li l-items segwenti jiġu diskussi f'laqgħa kontinwazzjoni Numru 03 nhar 1 ta'Awwissu 2024 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill**.**

**02.7 Item: Impjieg xufier tal-Kunsill full-time**
**02.8 Item: Applikazzjoni għal parking residenzjali**
**02.9 Item: Attivitajiet ta' Sajf**
**02.10Item: Attivitajiet tal-milied**
**02.11Item: Installazzjoni ta' bozoz ġodda**
**02.12Item: Installazzjoni ta' CCTV cameras ġodda**
**02.13Item: Isem ta' Triq**
**02.14Mozzjonijiet**

## 02.8 Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia<br>Sindku | Mariella Strout<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*